30 ta' Settembru, 1946.

**Imħallfin:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Elia Vella**

**Appell — Provi — Xhieda — Triq — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u art. 352 inċiż (cc) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, li jimponi lis-sidien ta' bini li jżommu l-bini tagħhom fi stat ta' riparazzjoni b'mod li ma jkunx perikoluż għan-nies, huwa applikabili biss għat-transitanti fit-triq fejn ikun hemm il-bini in kwistjoni jew għall-proprjetà viċina, u ma hux applikabili għall-każ fejn il-perikolu jkun għan-nies li jkunu fil-proprjetà ta' l-istess imputat jew għal dik il-proprjetà tiegħu. F'dan l-aħħar każ huwa applikabili l-art. 352 inċiż (cc) tal-Kodiċi Kriminali.*

*Jekk l-imputazzjoni ssir kontra l-imputat taħt l-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u jirriżulta li r-reat jaqa' taħt l-art. 352 inċiż (cc) tal-Kodiċi Kriminali, il-Maġistrat ma jmissux jillibera lill-imputat, imma għandu jgħaddi għall-eżami tal-każ taħt dan l-aħħar imsemmi artikolu tal-liġi. Dan jista' jsir jekk il-Pulizija tkun ifformulat iċ-ċitazzjoni b'mod li tiġi nkwadrata anki l-ipotesi tar-reat kif kontemplat minn dan l-aħħar imsemmi artikolu, jew billi l-Pu-*

*lizija titlob l-emendament taċ-ċitazzjoni f'dan is-sens — ħaġa li tista' ssir, billi ċ-ċitazzjoni fil-Qorti t'Isfel ma hix neċessarjament il-bażi ta' l-inkriminazzjoni.*

*Imma jekk dan ma jkunx sar quddiem il-Maġistrat, ma jistax isir fl-appell; għax fis-sede ta' l-appell l-imputazzjoni ma tistax tiġi mibdula. U għalhekk, meta jiġri dan, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tikkonferma l-liberatorja tal-Maġistrat.*

L-imsemmi Vella ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex iweġġeb għall-imputazzjoni illi f'tas-Sliema, f'dawn il-granet, wara li rċieva avviż bil-miktub mill-Pulizija, naqas li jsewwi u jpoġġi fi stat tajjeb il-post nru. 56 St. Mary's Street, tas-Sliema, li huwa rekwiżizzjonat mill-Housing Commissioner, u li huwa ta' perikolu għan-nies, fiż-żmien mogħti mil-liġi. B'sentenza tagħha tas-17 ta' Lulju 1946, dik il-Qorti lliberat lill-imputat fuq il-motiv illi ma hemmx il-kostitutivi tar-reat;

Il-Prosekuzzjoni appellat;

Trattat dan l-appell, il-Qorti kkunsidrat;

Il-Maġistrat deċidenti, għad li rritjena illi ma jirrikorrux il-kostitutivi tar-reat, illimita ruħu għal din l-enunċjazzjoni lakonika, bla ma qal liema minn dawn il-kostitutivi huwa nieqes jew huma nieqsa. Għalhekk din il-Qorti għandha teżamina l-kwistjoni ta' l-ineżistenza tar-reat addebitat lill-appellat, mhux in riferenza għal xi pont partikulari tal-liġi li fuqu waqfet l-Ewwel Qorti, imma in ġenere;

L-uniku xhud f'din il-kawża, għar-rigward tal-perikolu allegat fiċ-ċitazzjoni, u li jifforma ċertament l-element materjali meħtieġ għar-reat, hu l-perit arkitett Frank Caruana Galizia. Dan xehed illi d-difetti qiegħed fit-travi tal-pjan superjuri, li, minħabba li l-ħitan iċċaqalqu, ma humiex aktar fiż-żgur. Huwa żied però, illi l-perikolu ma hux għan-nies li jkunu barra l-post, jew għall-proprjetà ta' ħadd ieħor viċina, imma biss għan-nies li jistgħu jkunu ġod-dar;

Dan il-pont hu bla dubju importanti għall-kawża;

Ġie difatti ritenut mill-Imħallef Dr. Philip Pullicino, sedenti f'din il-Qorti fil-kawża "La Polizia vs. Nobile Conte Francesco Palermo Stagno Navarra", fis-17 ta' Ottubru 1928, illi l-art. 18 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), allura art. 14, hu applikabili biss għal każi ta' perikolu lit-transitanti fit-triq fejn ikun hemm il-bini in kwistjoni, jew għall-

proprjetà vićina, u mhux, għall-kuntrarju, applikabili għall-każ ta' perikolu ta' ħsara lill-proprjetà ta' l-istess imputat, jew lin-nies li jkunu f'dik il-proprjetà stess;

L-Imħallef sedenti, wara li studja l-każ, jidhirlu li għandu jaqbel ma' dik l-interpretazzjoni. Infatti, it-tieni parti ta' l-a.t. 18 (jiġifieri l-parti li għandha x'taqsam ma' dan il-każ), ma tistax tiġi divorzjata sija mill-kontest ta' l-artikolu, li minnu tifforma parti integrali, kważi anki grammatikalment, sija mit-titolu tal-Parti li taħtha jinsab l-istess artikolu. Il-wieħed u l-ieħor jirrigwardaw it-toroq, u huma intiżi biex jevitaw perikolu, jew xkiel. lil min jgħaddi minnhom. Biex tifhem xort'oħra t-tieni parti ta' l-art. 18 hemm bżonn li, kontra kull regola ta' interpretazzjoni, dik il-parti tiġi mifruda mill-ewwel parti ta' l-istess artikolu, u li jintnesa li l-artikolu qiegħed taħt ir-rubrika tat-"toroq". Anki jekk hu veru li, forsi, f'xi partijiet tal-Liġijiet tal-Pulizija — partikolarment kif kienu sa ma ġew riveduti l-liġijiet reċentement, u, kemm seta' jkun, "re-arranged" — kien hemm xi dispożizzjonijiet ma tantx kollokati fil-post approprjat, dan ma jistax jingħad f'mod ġenerali, jew, speċifikatament, għal dan l-artikolu;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza fuq imsemmija ġie però ritenut illi, peress li hu dover tal-Pulizija Eżekutiva li tissalvagwardja s-sikurezza personali taċ-ċittadini fl-imkejjen kollha, u li tevita li b'negliġenza ta' ħadd ieħor tiġi kaġunata ħsara fil-persuna (offiża fuq il-persuna volontarja), u peress li għalhekk kull ordni tal-Pulizija, raġjonevolment intiż biex jipprevjeni dan il-perikolu, għandu jkun obdut miċ-ċittadini fit-termini ta' l-art. 352 (ee) Kodiċi Kriminali, Kap. 12, konsegwentement il-fatt fuq imsemmi, ankorkè ma jaqax taħt l-art. 18 Kap. 15, għaliex ma hemmx perikolu għat-transitanti fit-toroq jew għall-proprjetà viċina, imma biss għall-istess proprjetà ta' l-imputat jew għan-nies li jistgħu jkunu fid-dar, jaqa' però, taħt is-sanzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali bis-saħħa ta' l-art. 352, inċiż (ee), fuq imsemmi;

L-Imħallef sedenti jaqbel ukoll ma' din il-veduta. Għalhekk, proprjament, il-Maġistrat (salvi punti oħra ta' kontestazzjoni mill-parti ta' l-imputat, u salvi raġunijiet oħra in kuntrarju) ma kienx imissu lliberà, imma kien imissu, ġaladarba ċ-ċitazzjoni fil-Qrati Inferjuri ma hijiex neċessarjament

il-bażi ta' l-inkriminazzjoni, jgħaddi għall-eżami tal-każ in bażi għall-ġurisprudenza stabbilita fil-kawża "Palermo Navarra" fuq ċitata. Hekk għandu jsir f'każijiet oħra simili. Sakemm il-liġi ma tiġix emendata, il-Pulizija, meta ma jkunx hemm il-perikolu għat-transitanti fit-toroq jew għall-proprjetà viċina, għandha tifformula ċ-ċitazzjoni b'mod li tiġi inkwadrata anki l-ipotesi tar-reat ta' l-art. 352 inċiż (e) Kap. 12, jew titlob, għall-okkorrenza, l-emendament ta' l-att taċ-ċitazzjoni f'dan is-sens. Issa, però, li l-kawża waslet fl-istadju ta' l-appell, hemm ostakolu li ma kienx jeżisti fil-Qorti ta' Isfel. Ġie deċiż illi fl-istadju ta' l-appell l-imputazzjoni ma tistax tiġi mibdula (ara "Pulzija vs. Abela", 29 ta' Marzu 1919, Imħallef Dr. Parnis. Appell Kriminali). L-Imħallef sedenti, f'żewġ deċiżjonijiet minnu mogħtija — "Pulizija vs. Vincenti", 17 ta' April 1937, u "Pulizija vs. Micallef", 11 ta' Diċembru 1937 — segwa, in linja ta' massima, din l-opinjoni, b'żieda ta' raġunijiet;

Konsegwentement din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju ħlief tikkonferma l-liberazzjoni fuq iċ-ċitazzjoni kif inhi, bażata ċjoè fuq il-perikolu li, f'dan il-każ, ma hux ta' dik ix-xorta li jeħtieġ li jkun skond l-art. 18 Kap. 13;

L-Imħallef sedenti, a skansu ta' ekwivoċi, jiddikjara li b'daqshekk ma hijiex qiegħda tiġi bl-ebda mod deċiża l-kwistjoni diskussa wkoll fit-trattazzjoni, tar-responsabilità tal-proprjetarju għat-tiswijiet meta l-post ikun ġie rekwiżizzjonat — kwistjoni li, evidentement, ma hemmx bżonn li tiġi affrontata, minħabba li r-reat askritt lill-imputat hu ineżistenti, fil-każ in eżami, għal raġunijiet oħra;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-Prosekuzzjoni fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, u fis-sens tagħhom biss tikkonferma s-sentenza appellata.